# Il-Pronomi
# Diretti u Indiretti

# Il-Pronomi Personali Mehmużin - Diretti

- Il-Pronom mehmuż meta jingħaqad mal-verb jista' jkun **dirett** jew **indirett**.

Meta l-pronom mehmuż ikun dirett ifisser li s-suġġett jagħmel l-azzjoni b'mod dirett fuq xi oġġett.

Eżempju: John kitib***ni*** fil-lista.



- kitib***ni***, kitb***ek***, kitb***u***, kitib***ha***, kitib***na***, kitib***kom***, kitib***hom***.

# Il-Pronomi Personali Mehmużin - Indiretti

- Meta l-pronom mehmuż ikun indirett ifisser li s-suġġett jagħmel l-azzjoni  fuq xi ħaġa imma indirettament ikun qed jagħmilha lil xi ħaddieħor.

  Eżempju : John kitib***li*** ittra.

(John kiteb ittra – dik hija azzjoni diretta. Imma ladarba kitibha lili, mela l-azzjoni – li kiteb l-ittra – għamilha indirettament lili)

- kitib***li***, kitib***lek***, kitib***lu***, kitbi***lha***, kitbi***lna***, kitbi***lkom***, kitbi***lhom***.



- Il-pronom mehmuż indirett dejjem ikollu ***l*** li tista' teħodha bħala taqsira tal-prepożizzjoni ***lil***.

# Il-Pronomi Diretti u Indiretti flimkien

- Il-pronom mehmuż jista' jkun **dirett** : kitib***ni*** (kiteb ismi fil-lista)
- Il-pronom mehmuż jista' jkun **indirett** : kitib***li*** (kiteb il-hw lili)



- Il-pronom mehmuż dirett u indirett jistgħu jingħaqdu flimkien mal-verb.

# Il-Pronomi Diretti u Indiretti flimkien

Azzjoni diretta

Azzjoni indiretta

John kiteb il-ħowmwerk lil Jane

John: nom nqisuh bħala s-suġġett

kiteb: verb

il-ħowmwerk: nom li nibdluh fi pronom dirett

lil: partiċella titqassar 'l'

Jane: nom li nibdluh fi pronom indirett

**Kitib<u>hu</u>/*ha***

# Il-Pronomi Diretti u Indiretti flimkien

- Il-pronom dirett meta jingħaqad mal-verb ikun dejjem eżatt wara l-verb u jieħu tliet forom biss:

**hu – maskil**

**hie – femminil**

**hom - plural**

- John kiteb il-ħowmwerk lil Jane = kitib***hu***lha
- John kiteb ittra lil Paul = kitib***hie***lu
- John kiteb komponimenti għal sħabu = kitib***hom***lhom

# Għaqqad il-pronomi diretti u l-pronomi indiretti mal-verb ☺

1. Ikteb l-ittra lil Joe u lil Anna.
2. Fiehem is-somma lili.
3. Fiehmu t-taħriġ lill-istudenti.
4. Tfiehem is-somom lilna.
5. Ħadna l-karozza lil Jane.
6. Mexxejna l-karozzi lill-kuġini.
7. Staqsejna l-mistoqsijiet lill-istudenti.
8. Ippruvajna l-libsa ta' Rita.
9. Neħħa l-karozza għal John.
10. Neħħi l-karozza għal John.